



Brussell, 6 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13615/25

PECHE 305
DELACT 146

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 6 ta' Ottubru 2025

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: C(2025) 6645 final

Suġġett: REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...
ta'6.10.2025
li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-għadd tat-tagħmir biex jinġabar il-ħut permess fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 6645 final.

Mehmuż: C(2025) 6645 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.10.2025
C(2025) 6645 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'6.10.2025

**Li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward tal-għadd tat-tagħmir biex jinġabar il-ħut permess fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-
Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Il-fini tar-regolament delegat huwa li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ sabiex jimplimenta dispożizzjoni tar-Rakkmandazzjoni tal-ICCAT 24–01 dwar programm pluriennali għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tat-tonn tropikali. Il-bidliet ġew adottati fis-sura ta' rakkmandazzjonijiet² fl-24 laqgħa speċjali tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT, International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas) f'Novembru 2024.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mal-Artikolu 74(4) tar-Regolament (UE) 2017/2107, il-Kummissjoni kkonsultat mal-Grupp ta' Esperti dwar is-Sajd u l-Akkwakultura dwar l-abbozz tar-regolament.

F'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Ligijiet³, ir-Regolament Delegat ġie ppreżentat lill-koleġiżlaturi (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill) għall-konsultazzjoni fil-livell tal-experti.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament Delegat jemenda r-Regolament (UE) 2017/2107 billi:

Jnaqqas l-ġihadd ta' FADs (Fishing Aggregating Devices) għal kull bastiment b'bagi operazzjonali għal 288 għas-snin 2026 u 2027.

¹ Ir-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbi fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 1), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2107/oj>

² Ir-Rakkmandazzjoni tal-ICCAT 24–01 dwar programm multiannwali għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tat-tonn tropikali,
<https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2024-01-e.pdf>

³ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, il-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'6.10.2025

Li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-għadd tat-tagħmir biex jinġabar il-ħut permess fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbi fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 73(1)(i) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Unjoni hija parti għall-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), wara li approvat l-adeżjoni għall-Konvenzjoni tal-ICCAT skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE².
- (2) L-ICCAT tadotta l-miżuri biex tiġġura l-konservazzjoni fuq terminu twil u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT u biex tissalvagħwardja l-ekosistemi tal-baħar li dawn ir-riżorsi jinsabu fihom. Dawn il-miżuri huma vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (3) Mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2107, fil-laqgħa annwali tagħha tal-2024, l-ICCAT adottat ir-rakkmandazzjoni 24–01³ dwar programm pluriennali għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tat-tonn tropikal. Ir-Rakkmandazzjoni tal-ICCAT 24–01 tinkiġi dispożizzjoni li tnaqqas l-ġhadd tat-tagħmir biex jinġabar il-ħut (FADs, fish aggregating devices) għal kull bastiment minn 300 għal 288 mill-1 ta' Jannar 2026.
- (4) Jenħtieġ li dik il-miżura tīgi implementata fid-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/2107 jiġi emendat kif xieraq.

¹ Ir-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbi fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 1), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2107/oj>

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta' Ġunju 1986 dwar l-Adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll meħmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjari tal-Istati li jifformaw Parti mill-Konvenzjoni ffurmata f'Pariġi fl-10 ta' Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33).

³ Ir-Rakkmandazzjoni tal-ICCAT 24–01 <https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2024-01-e.pdf>

- (5) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istagħun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitàjet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emenda tar-Regolament (UE) 2017/2107

L-Artikolu 9(4) tar-Regolament (UE) Nru 2017/2107 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Mill-1 ta' Jannar 2026, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fi kwalunkwe ħin ma jkunux attivi fl-istess ħin aktar minn 288 FADs għal kull bastiment b'bagi operazzjonali.”.

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6.10.2025

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*